# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar it-Tlieta 18 ta’ Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 45/2002G1(PC)

**HSBC Home Loans (Malta) Limited gia maghrufa bhala Lohombus Bank Limited gia Lohombus Corporation Limited .**

**VS**

**Vincent u Rita konjugi Zammit .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta’ attrici wara li ppremettiet :**

**Illi skond kuntratt pubblikat minn Nutar Paul George Pisani fit-tlettax (13) ta’ Marzu, elf, disa’ mija tnejn u disghin (1992) is-socjeta’ attrici kienet silfet lilkom konvenuti s-somma ta’ sebat elef lira maltija (LM7,000) ghall-iskop li titlesta l-kostruzzjoni tad-dar mibnija fuq il-plot numru sitta (6) mill-art imsejha “Ta’ Zakkun” sive “Ta’ Kaxxja” fi Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex; fuq liema proprjeta’ giet kostitwita favur is-socjeta’ attrici ipoteka u privilegg specjali;**

**Illi fuq dak il-kuntratt kien gie miftiehem ukoll illi l-ispejjez kollha legali u amministrattivi sabiex jinzammu regolari u tajba d-drittijiet u garanziji inkluzi polizzi ta’ assikurazzjoni tas-socjeta’ attrici kellhom jithallsu mid-debituri, konvenuti ;**

**Illi intom konvenuti waqajtu moruzi fir-restituzzjoni ta’ l-ammont misluf, u bqajtu hekk moruzi anke wara li gejtu notifikati b’ittra ufficjali prezentata kontra taghkom fit-12 ta’ gunju, 1998 ;**

**Illi llum, bejn kapital u interessi, spejjez amministrattivi u rifuzjoni ta’ premiums ta’ assikurazzjoni imhallsa fl-interess taghkom mis-socjeta’ attrici, intom il-konvenuti ghad fadlilkom thallsu s-somma ta’**

**disat elef hames mija wiehed u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (LM9541.65c) in kwantu ghal sebat'elef tlett mija u sitta u erbghin liri maltin u zewg centezmi (Lm7,346.02) kapital u elfejn mija u hamsa u disghin liri maltin u tlieta u sittin centezmi imghax mill-31 ta' Marzu, 1997 sal-31 ta' Marzu, 2001;**

**Illi dan id-debitu huwa wiehed cert likwidu u dovut u ma jikkonsistix fi twettiq ta' xi att, u sa fejn taf is-socjeta' attrici hadd mill-konvenuti ma ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni .**

**Illi ghaldaqstant s-socjeta' attrici qeghda tipprocedi ghal din il-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u qeghda titlob ai termini tal-artikolu 169 illi din il-Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh .**

**Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :**

1. **tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;**
2. **Tikkundannakom intom konvenuti thallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' disat elef hames mija wiehed u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm9541.65c) rapprezentanti sebat'elef tlett mija u sitta u erbghin liri maltin u zewg centezmi (LM7346.02) kapital u elfejn mija u hamsa u disghin liri maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2195.63c) imghax mill-31 ta' Marzu 1997 sal-31 ta' Marzu 2001; dovuta kif fuq inghad bhala bilanc mill-ammont kapitali misluf; interessi u spejjez amministrattivi kif fuq spjegat; bl-interessi legali fuq dan l-ammont mill-31 ta' Marzu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju, 1998 kontra taghkom, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess socjeta' attrici, debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Paul Curmi, in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, il-kuntratt li permezz tieghu kien sar is-self in kustjoni, bhala dokument B, l-affidavit ta' Paul Curmi in rapprezentanza ta' l-istess bank; bhala dokument C, kopja ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju, 1998 mibghuta lill-konvenuti; u bhala dokument D, rendikont ta' l-ammont dovut .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenuti, li ggib id-data tat-30 ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-istess konvenuti pprezentata seduta stante llum stess, li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici .**

**Rat ukoll il-verbal ta' l-avukat Dottor Carmelo Galea ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn talab lill-Qorti tikkoncedi zmien ta' sitt xhur ghall-pagament, in vista ta' l-ammissjoni maghmula mill-istess konvenuti .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' disat'elef hames mija u wiehed u erbghin lira hamsa u sittin centezmu (Lm9541.65c), rapprezentanti sebat'elef tlett mija sitta u erbghin lira maltin u zewg centezmi (Lm7346.02) kapital u elfejn mija u hamsa u disghin liri Maltin u tlieta u sittin centezmi (Lm2195.63) imghax mill-31 ta' Marzu, 1997 sal-31 ta' Marzu, 2001; dovuta kif indikat fic-citazzjoni, bhala bilanc mill-ammont kapitali misluf, interessi, u spejjez amministrattivi kif spjegat fl-istess citazzjoni, u bl-interess legali fuq dan l-ammont mill-31 ta' Marzu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju, 1998 kollox kontra l-istess konvenuti .**

**Il-Qorti in vista tal-verbal hawn fuq imsemmi, tikkoncedi zmien sitt xhur lill-konvenuti sabiex jaghmlu l-pagament lill-atturi .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S4502G1(Pc)
767